VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,589, 10 ta' Ġunju, 2016
Taqsima B

A.L. 221 tal-2016

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2(1) u (3) tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin, bi ftehim mal-Ministru għall-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartiment tal-Gvern u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartiment tal-Gvern, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S.35.01

Emenda tal-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fl-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, taħt l-intestatura 'Ministeru tal-Affarijiet Barranin':

(a) il-partiti 1 sa 8 (it-tnejn inklużi) għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

1. Għas-somministrazzjoni ta' ġurament jew jekk tiġi riċevuta dikjarazzjoni bl-attestazzjoni ta' firma jew mingħajrha ..	2.00
2. Biex titqiegħed firma fuq dokument imsemmi f'affidavit jew f'dikjarazzjoni	2.00
3. (a) Awtentikazzjoni ta ċertifikati fl-Uffiċċju Ewlieni:	
(i) awtentikazzjoni ta' dokumenti ta' xorta edukattiva u ta' dokumenti oħra ta' xorta mhux kummerċjali	12.00
(ii) awtentikazzjoni ta' ċertifikati ta' xorta kummerċjali	20.00
(iii) awtentikazzjoni ta' ċertifikati ta' adozzjoni ta' tfal minn pajjiżi barranin kif awtorizzati mill-Awtorità Ċentrali appuntata bl-Ordni dwar Tifsira ta' Adozzjoni Barranija	-
(b) Awtentikazzjoni ta' ċertifikati u, jew dokumenti minn Ambaxxati u konsulati ta' Malta	25.00
Iżda l-awtentikazzjoni ta' ċertifikati u, jew dokumenti ta' adozzjoni ta' tfal minn pajjiżi barranin kif awtorizzati mill-Awtorità Ċentrali appuntata bl-Ordni dwar Tifsira ta' Adozzjoni Barranija huma eżentati minn din it-Tariffa.	

VERŻJONI ELETTRONIKA

4. Biex titqiegħed firma konsulari, u siġill jekk meħtieġ, fuq dikjarazzjoni ta' eżistenza 2.00

5. Għall-għemil ta' dikjarazzjoni ta' eżistenza 2.00

6. Għal-legalizzazzjoni jew attestazzjoni ta' firma..... 5.00

7. Biex jingħaqdu flimkien xi dokumenti u jitpoġġa fuqhom siġill konsulari 2.00

8. Biex jitwaħħal siġill fuq dokument meta ma tkunx meħtieġa ebda firma 2.00

(b) il-partiti 12 sa 31 (it-tnejn inklużi) għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"*Drittijiet Amministrattivi*

12. Proċessar ta' dokumentazzjoni fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-passaport 15.00

13. Proċessar ta' dokumentazzjoni fir-rigward ta' applikazzjonijiet għaċ-ċittadinanza 15.00

14. Proċessar ta' dokumentazzjoni fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-permess ta' residenza 10.00

15. Proċessar ta' dokumentazzjoni fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni ta' żwieġ, twelid jew mewt ….... 5.00

16. Skema Consul-on-the-Move:

(a) Proċessar ta' dokumentazzjoni fir-rigward ta' applikazzjonijiet għaċ-ċittadinanza 50.00

(b) Proċessar ta' dokumentazzjoni fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-passaport 100.00

17. (a) Kera ta' bnadar;

għal kull bandiera 7.00

(b) Depozitu rifużibbli fuq kirja ta' bandiera 25.00

Bastimenti

18. Biex jiġi reġistrat testimonjal u tingħata kopja waħda awtentika jekk meħtieġa 4.00

Għal kull kopja 2.00

19. Testimonjal, jekk ma jkunx itwal minn 200 kelma, u għoti ta' kopja waħda awtentika jekk meħtieġa 14.00

Għal kull 100 kelma addizzjonali jew inqas 2.00

Għal kull kopja oħra 8.00

20. Biex jitwaħħal siġill konsulari u firma fuq il-*log book* 3.00

21. Għad-depożitu ta' polza ta' kargu skont l-artikolu 382 (1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kapitolu 13) 3.00

22. Għall-kontrosenjal ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni meta jinbidel kaptan ta' bastiment 5.00

23. Għas-sanzjoni tal-ingaġġ ta' baħrin:

Għal kull baħri 2.00

Suġġett għall-massimu ta' 25.00

24. Għas-sanzjoni li ntemm is-servizz ta' baħrin jew jitħallew l-art baħrin u apprendisti:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Għal kull baħri jew apprendista minn.....	2.00
Iżda mhux aktar minn	25.00
25. Għaċ-ċertifikazzjoni ta' diżerzjoni ta' baħrin u apprendisti:	
Għal kull baħri jew apprendista	2.00
26. Għall-attestazzjoni ta' tibdil fil-ftehim mal-ekwipaġġ:	
Għal kull tibdil	2.00
27. Għall-attestazzjoni tal-ftehim mal-ekwipaġġ u għal kontrosenjal meħtieġ li jsir fuqu	3.00
Mixxellanji	
28. Biex jiġi riċevut testament skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 679 (2) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16)	3.00
29. Għall-firma ta' ċertifikat meħtieġ bl-Att dwar is- Sigurtà fl-Ikel (Kapitolu 449)	10.00
30. Biex issir xi reġistrazzjoni li għaliha mhux provdut xort'oħra	2.00
31. Biex tingħata l-firma konsulari, u siġill jekk meħtieġ, fuq xi dokument li għalih mhux provdut xort oħra	5.00".